*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 14,723, 4 ta' Frar, 1987*

*Taqsima C*

# Nru. 177

4. 2. 87

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Daniel Micallef, M.P., Ministru ta' l-Edukazzjoni u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tat-2 ta' Frar, 1987.

**ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1974 dwar l-Edukazzjoni.**

P. MUSCAT TERRIBILE
*Aġent Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Daniel Micallef, M.P., Minister of Education and read the First time at the Sitting of the 2nd February, 1987.

**AN ACT further to amend the Education Act, 1974.**

P. MUSCAT TERRIBILE
*Acting Clerk to the House of Representatives*

# ABBOZZ TA' LIĠI

## msejjaħ

*ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1974 dwar l-Edukazzjoni.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:

**1.** (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1987 li jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni (Emenda Nru. 2), u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1974 dwar l-Edukazzjoni, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ. Att XXXIX ta' l-1974

(2) Dan l-Att għandu jibda jseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-edukazzjoni jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta.

**2.** Minnufih wara l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid: Żieda ta' artikolu ġdid 11A ma' l-Att prinċipali.

"Għaqdiet tal-Ġenituri. 11A. (1) (a) Għandu jitwaqqaf f'kull skola tal-Gvern, Għaqda tal-Ġenituri li l-membri tagħha jkunu l-ġenituri tat-tfal li jkunu jattendu f'dik l-iskola partikulari tal-Gvern.

(b) L-Għaqda tal-Ġenituri għandha teleġġi Kumitat minn fost il-membri tagħha u dan jista' jinkludi persuni oħrajn li ma jkunux ġenituri iżda li jiġu nominati mill-membri għall-elezzjoni fil-Kumitat.

(2) Il-funzjoni tal-Kumitat għandha tkun:

(a) dik li tassisti lill-*Headteacher* u l-*istaff* tiegħu f'dawk il-ħwejjeġ dwar it-tmexxija ta' l-iskola u b'mod partikolari dwar il-ġid fiżiku u edukattiv tat-tfal f'dik l-iskola u l-provvista ta' dawk l-amenitajiet meħtieġa f'dak il-lok; u

(b) sabiex iwettqu dak ix-xogħol li l-Ministru jista' permezz tal-Federazzjoni minn żmien għal żmien jagħti lil dik l-Għaqda tal-Ġenituri.

(3) Għandha titwaqqaf Federazzjoni ta' Għaqdiet tal-Ġenituri, li tkun magħrufa bħala l-Federazzjoni, li għandha tkun magħmula minn membri eletti mill-Kumitat tal-Għaqdiet tal-Ġenituri skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Istatut tal-Federazzjoni kif approvat bil-miktub mill-Ministru.

(4) Għandha tkun il-funzjoni tal-Federazzjoni:

(a) illi tikkoordina l-attivitajiet tad-diversi Għaqdiet tal-Ġenituri;

(b) illi tagħti parir lill-Ministru fuq dawk il-ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' l-amministrazzjoni ta' l-iskejjel tal-Gvern;

(ċ) illi twettaq dak ix-xogħol li għandu x'jaqsam ma' dik l-amministrazzjoni li l-Ministru jista' jordna.

(5) L-Istatut tal-Federazzjoni għandu fost ħwejjeġ oħra jipprovdi għal:

(a) in-numru ta' persuni li għandhom ikunu membri u jiffurmaw il-Kumitat ta' kull Għaqda tal-Ġenituri;

(b) iż-żmien ta' ħatra ta' dawn il-membri;

(ċ) il-metodu ta' elezzjoni tal-Kumitat tal-Għaqda tal-Ġenituri;

(d) kull ħaġa oħra li għandha x'taqsam ma' l-amministrazzjoni tal-Għaqdiet tal-Ġenituri u l-amministrazzjoni tal-fondi tagħhom;

(e) in-numru ta' persuni li għandhom ikunu membri u jiffurmaw il-Kumitat tal-Federazzjoni;

(f) iż-żmien ta' ħatra tal-membri tal-Kumitat tal-Federazzjoni;

(ġ) il-mod kif jiġu eletti l-membri tal-Kumitat tal-Federazzjoni;

(ħ) ir-relazzjonijiet bejn il-Federazzjoni u l-Għaqdiet tal-Ġenituri individwali kif ukoll bejn il-Federazzjoni u d-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni;

(i) kull ħaġa oħra li għandha x'taqsam ma' l-amministrazzjoni tal-Federazzjoni u l-amministrazzjoni tal-fondi tagħha.

(6) Meta l-Ministru japprova l-Istatut, dan ma jistax jiġi emendat jew b'xi mod ieħor mibdul ħlief meta tinkiseb l-approvazzjoni bil-miktub tal-Ministru dwar kull emenda jew bidla bħal dik.

(7) Kull Għaqda tal-Ġenituri u l-Federazzjoni għandhom, mhux iktar tard minn xahar wara tmiem kull sena skolastika, jissottomettu lill-Ministru rendikont finanzjarju għal dik is-sena.

(8) (a) Ir-rappreżentanza ġudizzjarja u legali ta' kull Għaqda tal-Ġenituri għandha tkun vestita fil-persuna taċ-*Chairman* li għandu jkun elett mill-membri tal-Kumitat fl-ewwel laqgħa li jkollhom wara l-elezzjoni tagħhom jew fl-ewwel laqgħa tagħhom wara li jitbattal postu.

(b) Meta f'xi skola tal-Gvern, il-ġenituri tat-tfal li jkunu jattendu fiha ma jeleġġux Kumitat skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jew meta post battal f'Kumitat ma

jimteliex, il-Ministru jista' jaħtar lil dawk il-persuni li fl-opinjoni tiegħu jkunu l-aktar xierqa li jirrappreżentaw l-interessi ta' dawk il-ġenituri sabiex ikunu membri tal-Kumitat jew sabiex jimlew dak il-post battal, skond ma jkun il-każ.

(9) Ir-rappreżentanza ġudizzjarja u legali tal-Federazzjoni għandha tkun vestita fil-persuna taċ-*Chairman*; iċ-*Chairman* għandu jiġi elett mill-membri tal-Federazzjoni fl-ewwel laqgħa li jkollhom wara l-elezzjoni tagħhom, jew fl-ewwel laqgħa tagħhom wara li jitbattal postu.

Setgħat tal-Ministru.

(10) Jekk il-Ministru jkun, wara stħarriġ sew u wara li jisma' l-opinjoni tal-Għaqda tal-Ġenituri konċernata u tal-Federazzjoni, sodisfatt li Kumitat partikulari jew il-Federazzjoni, skond ma jkun il-każ, ma tkunx qegħda twettaq sewwa d-dmirijiet tagħha, huwa jista' b'ordni maħruġa fil-Gazzetta, jissospendi l-attivitajiet kollha jew x'uħud minnhom ta' dak il-Kumitat jew tal-Federazzjoni, skond il-każ, għal dak iż-żmien li jista' jsemmi fl-ordni.

(11) Il-Federazzjoni għandha tagħti lill-Ministru, b'dak il-mod u f'dawk iż-żminijiet kif jista' jeħtieġ, kull faċilità sabiex jikseb u jivverifika l-informazzjoni li jkollha x'taqsam ma' l-attivitajiet tal-Federazzjoni u għandha tagħti lill-Ministru dawk ir-rapporti oħra u dik l-informazzjoni li jista' jeħtieġ.".

---

## Għanijiet u Raġunijiet

L-Għan ta' l-Abbozz huwa li jwaqqaf fuq bażi legali l-Għaqdiet tal-Ġenituri fi Skejjel tal-Gvern u l-Federazzjoni. L-Abbozz jipprovdi sabiex jiġu stabbiliti l-funzjonijiet tagħhom, l-istatut, u l-elezzjoni tal-membri tagħhom.

# A BILL

## entitled

*AN ACT further to amend the Education Act, 1974.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

Short title and commencement. Act XXXIX of 1974

1\. (1) This Act may be cited as the Education (Amendment) (No. 2) Act, 1987, and shall be read and construed as one with the Education Act,1974, hereinafter referred to as "the principal Act".

(2) This Act shall come into force on such date as the Minister responsible for Education may by notice published in the Gazette establish.

Addition of new section 11A to the principal Act.

2\. Immediately after section 11 of the principal Act, there shall be added the following new section:

"Parents' Associations.

11A. (1) (a) There shall be established in each Government school a Parents' Association whose members shall be the parents of children attending such particular Government school.

(b) The Parents' Association shall elect a Committee from among its members and may include other persons not being parents but who are nominated by the members for election to the Committee.

(2) It shall be the function of the Association:

(a) to assist the Headteacher and staff in the running of the school particularly concerning the physical and educational welfare of the children in such school and the provision of amenities thereat; and

(b) to perform such tasks as the Minister through the Federation may from time to time assign to such Parents' Association.

(3) There shall be established a Federation of Parents' Associations, to be known as the Federation, which shall consist of members elected by the Committees of Parents' Associations in accordance with the provisions of the Statute of the Federation as approved in writing by the Minister.

(4) It shall be the function of the Federation:

(a) to co-ordinate the activities of the various Parents' Associations;

(b) to advise the Minister on such matters relating to the adminstration of Goverment schools; and

(c) to perform such tasks in connection with such administration as the Minister may direct.

(5) The Statute of the Federation shall provide among other things:

(a) the number of persons who shall be members of and compose the Committee of each Parents' Association;

(b) the term of office of such members;

(c) the mode of election of the Committee of the Parents' Association;

(d) such other matters relating to the administration of the Parents' Associations and the administration of their funds;

(e) the number of persons who shall be members of and compose the Committee of the Federation;

(f) the term of office of the members of the Committee of the Federation;

(g) the mode of election of the members of the Committee of the Federation;

(h) the relations between the Federation and the individual Parents' Associations as well as the Federation and the Department of Education;

(i) such other matters relating to the administration of the Federation and the administration of its funds.

(6) The Statute, once approved by the Minister, shall not be amended or in any way altered unless the written concurrence of the Minister is obtained to any such amendment or alteration.

(7) Each Parents' Association and the Federation shall, not later than one month after the end of such scholastic year, submit to the Minister a statement of accounts for that year.

(8) (a) The judicial and legal representation of each Parents' Association shall be vested in the person of the Chairman who shall be elected by the members of the Committee in the first meeting after their election or on the first meeting after a vacancy occurs.

(b) Where in any Government school the parents of the children therein attending do not elect a Parents' Committee in accordance with the provisions of this section

or where a vacancy in the Committee is not filled, the Minister may appoint such persons who in his opinion are best suited to represent the interests of such parents to be members of the Committee or to fill such vacancy, as the case may be.

(9) The judicial and legal representation of the Federation shall be vested in the person of the Chairman; the Chairman shall be elected by the members of the Committee of the Federation on the first meeting after their election or on the first meeting after a vacancy occurs.

Powers of the Minister.

(10) If the Minister is, after due enquiry and after hearing the views of the Parents' Association concerned and of the Federation, satisfied that a particular Committee or the Federation, as the case may be, is not properly performing its functions, he may by order published in the Gazette, suspend all or any of the activities of such Committee or of the Federation, as the case may be, for such period as he may in the order specify.

(11) The Federation shall afford the Minister, in such manner and at such times as he may require, every facility for obtaining and verifying information connected with the activities of the Federation and shall furnish the Minister with such further returns and information as he may require.".

---

## Objects and Reasons

The Object of this Bill is to establish on a legal basis Parents' Associations in Government Schools and the Federation of such Parents' Associations. The Bill provides for the setting out of their functions, the statute, and the election of their members.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni — Kastilja — *Published by the Department of Information — Kastilja*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*
Prezz 4c — *Price 4c*